**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 82/2014JVC**

**Josef Karl Bajada**

**Vs**

**Michelle Pisani**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ppremetta:-

1. Illi l-esponenti kellu relazzjoni ma' Michelle Pisani u fil-fatt kienu lhom jirrisjedu ma' xulxin ghall-kwazi dawn l-ahhar ghaxar (10) snin;

2. Illi l-esponenti kien jirrisjedi b'mod permanenti flimkien ma' Michelle Pisani fid-dar 'Rose Hill', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex. Huwa ghandu l-oggetti personali tieghu kollha f'din id-dar ta' residenza u sad-dsatax (19) ta' Awwissu 2014 huwa kellu wkoll pussess jew detenzjoni ta' din l-istess dar u sahansitra kellu kopja tac-cwievet ta' din l-istess dar;

3. Illi in oltre l-esponenti kien sad-dsatax (19) ta' Awwissu 2014 il-manager tan-negozju tal-intimata bl-isem "Michelle Hairdressing", liema negozju jigi gestit mill-hanut li jinsab f'Orienti's Plaza, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex u fil-fatt kellu access ampju u liberu ghall-istess negozju u kellu wkoll ic-cwievet tal-hanut kif wkoll ic-cwievet tal-gate principali tal-Plaza;

4. Illi ghalkemm l-esponenti mhux is-sid tad-dar ta' residenza u mhux is-sid tan-negozju sas-dsatax (19) ta' Awwissu 2014 huwa effettivament kellu pussess jew detenzjoni ampja, libera u llimitata tal-istess dar u hanut minfejn jigi gestit tali negozju;

5. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkissret irrimedjabilment u b'messagg mibghut mill-intimata lir-rikorrenti nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu 2014, l-intimata nfurmat lill-esponenti li hija kienet biddlet dakinhar stess ic-cwievet tad-dar ta' residenza "Rose Hill", Triq San Blas, Nadur, Ghawdex kif wkoll ic-cwievet tal-hanut li jinsab f'Orienti's Plaza, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex u nfurmat lill-esponenti li huwa ma kienx sejjer ikun jista' jidhol aktar fl-imsemmija fondi;

6. Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin da parti tal-intimata ghad-dannu ta' l-esponenti;

7. Illi minkejja li giet interpellata permezz ta' ittra interpellatorja (kopja annessa bhala **Dokument A**) biex hija tisporga l-ispoll vjolenti u klandestin minnha kommess, hija baqghet inadempjenti;

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti meta fil-gurnata tad-dsatax (19) ta' Awwissu 2014 il-konvenuta biddlet is-serraturi tal-fond bl-isem "Rose Hill", Triq San Blas, Nadur, Ghawdex kif wkoll tal-hanut bl-isem "Michelle's Hairdressing", Orienti's Plaza, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex;

ii. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss lill-konvenuta tirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess jew detenzjoni pjen tal-post u hanut indikati fl-ewwel paragrafu u dan billi terga' twahhal is-serraturi originali tal-istess dar u hanut jew alternattivament tghaddi kopja tac-cwievet tas-serraturi l-godda tal-istess dar u hanut lir-rikorrenti;

iii. Fin-nuqqas illi l-konvenuta tirrinstalla s-serraturi originali jew tghaddi kopja tac-cwievet tas-serraturi ezistenti tal-fondi ndikati fl-ewwel paragrafu, tawtorizza lill-esponenti sabiex jaghmel ix-xoghlijiet huwa stess sabiex ibiddel is-serraturi, u dan okkorrendo taht in-nomina ta' Perit nominat mill-Qorti ghal tali fini;

Bl-ispejjez tal-prezenti kawza, inkluz tal-ittra interpellatorja spedita u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-konvenuta, inkluz azzjonijiet ghad-danni, azzjoni ghall-hlas tal-valur tal-benefikati li saru mir-rikorrenti fid-dar "Rose Hill", Triq San Blas, Nadur, Ghawdex kif wkoll ghall-kumpens ghaz-zieda fit-turnover generat fin-negozju "Michelle's Hairdressing" grazzi ghall-isforzi u x-xoghol tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li eccepiet:

1. Illi ghalkemm huwa minnu li ghal dawn l-ahhar ghaxar snin l-esponenti kellha relazzjoni mal-attur izda d-dar tar-residenza tal-attur ma kinetx mal-esponenti izda ma' ommu u missieru fl-indirizz "Bronja, Triq it-Torri, Xlendi, Ghawdex.

2. Illi huwa minnu wkoll li l-attur ghamel xi zmien jahdem mal-esponenti fis-saloon 'Michelle Hairdressing' f'Orienti Plaza, Triq ir-Repubblika, Victoria, imma n-negozju dejjem kien kollu kemm hu tal-esponenti u l-attur kien jithallas. L-access li kellu l-attur kien biss bit-tolleranza u bil-permess tal-esponenti li nzerta kellha mieghu relazzjoni fil-qrib imma mhux ghaliex l-attur kellu jew akkwista xi jedd ta' access aktar minn dak li jigi ammess u tollerat f'cirkostanzi simili.

3. Illi mhux tassew li l-attur kellu xi pussess jew detenzjoni kemm tad-dar "Rose Hill', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex jew tan-negozju tal-konvenuta fuq imsemmi.

4. Illi ma kien hemm ebda spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur ghaliex huwa stess ammetta li r-relazzjoni li kellu mal-

esponenti tkissret irrimedjabilment, tant hu hekk li meta l-esponenti biddlet ic-cwievet tad-dar u tan-negozju, l-attur accetta u fil-fatt bil-kwiet kollu ha l-oggetti tieghu personali minghajr hafna kwistjonijiet.

5. Illi kien aktar tard u billi l-konvenuta rrifjutat li thallas l-ammont minnu mitlub bhala benefikati li l-attur holom li jintavola l-kawza odjerna. Infatti l-attur kien accetta wkoll li jigi kkumpensat ta' xi benefikati li kienu saru fid-dar tal-konvenuta minn flus li parti minnhom kienu jappartjenu lill-konvenuta, izda l-kontendenti ma qablux fuq kemm kellu jkun dan l-ammont.

6. Illi ghalhekk dina l-kawza m'ghandhiex l-ghan li tisporga l-allegat spoll izda biex tezercita pressjoni fuq il-konvenuta biex thallas lill-attur l-ammont li qieghed jippretendi li jithallas.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati ghaliex ma jezistux l-elementi ghall-kawza ta' spoll.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u l-provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Mejju, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fiz-zmien prefiss lilhom minn din il-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Fatti:**

Illi ma hux kontestat bejn il-partijiet li huma kellhom relazzjoni bejniethom liema relazzjoni damet ghaddejja ghal madwar ghaxar (10) snin. Illi mhux kontestat ukoll illi ghall-bidu tar-relazzjoni l-partijiet kienu jabitaw f'appartament gewwa Xaghra li originarjament kien jghix fih l-attur u konsegwentement marru jabitaw fi propjeta' li *ex admissis*

mill-attur fl-istess rikors guramentat tieghu hija proprjeta' unikament tal-konvenuta u dan ghall-perjodu ta' madwar seba' (7) snin.

Illi jirrizulta wkoll illi sa minn diversi snin qabel ma' bdiet ir-relazzjoni bejn il-partijiet il-konvenuta Michelle Pisani kienet u ghadha s'issa tiggestixxi negozju ta' *hairdresser* fir-Rabat, Ghawdex u dan minn gewwa l-Orienti Arcades fi Triq ir-Repubblika.

Illi tul is-snin ta' konvivenza bejn il-partijiet irrizulta car mill-atti li l-attur kien jikkontribwixxi kemm billi jaghti ghajnuna fin-negozju tal-konvenuta b'dana li kien ikun prezenti ghall-hin twil u anki jaghmel xi xoghol ta' karti u hasil ta' xaghar, fi ftit kliem kien jghin fejn jista', filwaqt li jirrizulta ampju mill-atti li principalment ix-xoghlijiet strutturali u ta' rinovazzjoni li saru fir-residenza proprjeta' ta' Michelle Pisani saru minn jew taht is-supervizjoni tal-attur Josef Karl Bajda stante li hu kellu aktar hin jaghmel dan mill-konvenuta li kienet tkun hinijiet twal fil-hanut minfejn jidher li kienu jidhlu l-flus kollha ghall-ghajxien kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenuta tul is-snin ta' relazzjoni.

Illi tul is-snin ta' relazzjoni rrizulta ampju mill-provi mressqa tant li lanqas gie kontestat mill-konvenuta illi l-attur kellu c-cwievet tal-fond bl-indirizz 'Rose Hill', Triq San Blas, Nadur ghar-raguni li huwa kien jirrisjedi f'dan il-fond flimkien ma' Michelle Pisani kif ukoll kellu c-cwievet tal-hanut fir-Rabat stante li kif inghad kien jaghti l-kontribut manwali tieghu f'dan in-negozju minn meta bdiet ir-relazzjoni ghalkemm in-negozju kien miftuh minn qabel bdiet ir-relazzjoni. Mill-atti ma tressqet l-ebda prova li l-attur kien impjegat mal-istess negozju jew li kien 'self-employed' fl-istess negozju izda unikament li abbazi tar-relazzjoni li huwa kellu ma' Michelle Pisani huwa kien ha rwol li jghin fil-gestizzjoni tan-negozju.

Illi rrizulta fl-atti li minhabba ragunijiet li zgur m'humiex mertu f'kawza ta' spoll, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat tant li l-partijiet f'Lulju tas-sena 2014 kienu waslu f'punt li bdew jaqsmu l-affarijiet li kellhom bejniethom inkluz il-flus imgemma fid-dar (ara d-dokument a fol. 135 fejn l-attur jiddikjara li nghata nofs is-somma flus ammontanti ghal €8,000). Skont il-konvenuta lejn l-ahhar ta' Lulju, 2014 hija kienet gia avvicinat avukat biex jibghat ittra lill-attur sabiex johrog mid-dar proprjeta' taghha fejn sa dak iz-zmien kien jirrisjedi maghha. Prova ta' din l-ittra izda ma gietx prezentata u fi kwalunkwe kaz skont il-

konvenuta u ommha Mary Pisani din l-ittra ma waslitx ghand l-attur. Il-konvenuta talbet lill-attur sabiex johrog mid-dar proprjeta' taghha u mill-hanut izda l-attur ma kienx qed jaccetta li jaghmel hekk ghaliex kien qed jippretendi li jithallas ta' benefikati li skont hu ghamel fil-proprjetajiet. Huwa nkontestat mill-attur li huwa baqa' ma telaqx u ma rrilaxxax ic-cwievet taz-zewg fondi nvoluti sakemm is-serraturi gew mibdula.

Illi huwa wkoll inkontestat mill-konvenuta li nhar id-19 ta' Awwissu, 2014, missierha Peter Pisani (kif jammetti hu stess fix-xhieda tieghu a fol. 159 u 201 sa 203 tal-process) fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuta bidel is-serratura tal-fond fin-Nadur u wkoll fir-Rabat u dan minghajr il-kunsens tal-attur u dan ghaliex fi kliemu 'he had no rights . . '. Dakinhar stess il-konvenuta tammetti li baghtet *sms* lill-attur sabiex tinfurmah li biddlet is-serraturi (ara fol. 215). A fol. 69 jinsab appuntu esebit kopja ta' dan il-messagg datat 19 ta' Awissu 2014 li jaqra kif isegwi:

*'Jo, it's not gonna work out with us working together in the shop .. I just dont trust u full stop ... People can't work together without trust ... We DID work good together but that was a different us .. I have changed the locks at home and at the shop .. Didn't want it to come to this but it has and it's the only thing I could do to get u out the house coz u said many time ' no way am I leaving' ..'*

Illi ghalkemm l-attur fl-affidavit u sottomissjonjiet tieghu jsostni li ghad baqalu xi affarijiet personali tieghu fil-fond gewwa n-Nadur jirrizulta mix-xhieda ta' missieru Emanuel Bajada (15) u ta' missier il-konvenuta Peter Pisani (fol 145 u 201), li effettivament anki wara li nbidlu c-cwievet l-attur thalla jidhol fil-fond sabiex jiehu l-affarijiet tieghu, ghalkemm forsi verament bi ftit diffikulta sakemm instab ftehim kif dan kellu jsir.

Illi mill-atti l-partijiet ma jikkontestawx li fl-istess zmien cioe' Lulju/ Awwissu, 2014, kienu ghaddejjin trattattivi dwar jekk l-attur kellux jithallas ta' xi benefikati izda finalment fis-17 ta' Ottubru, 2014 l-attur ghazel li jipprezenta l-kawza odjerna fejn jallega spoll stante l-bdil tac-cwievet tal-fondi in kwistjoni li huwa jallega li kellu l-pussess u d-detenzjoni taghhom sa nhar id-19 ta' Awissu, 2014. Il-konvenuta da parti taghha tirribatti billi ssostni li l-attur kellu pussess unikament fuq bazi ta'mera tolleranza in vista tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom u li la darba din ir-relazzjoni spiccat allura l-attur tilef kwalunkwe pussess

b'tolleranza u li hija kellha kull dritt tbiddel ic-cwievet tal-fondi in kwistjoni.

**Principji Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse)***, l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:
*'All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]
u
*'neanche e' permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-*

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

*pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

Illi l-konvenuta tressaq ukoll l-eccezzjoni tat-tolleranza. Dwar it-tolleranza fid-decizjoni fl-ismijiet **Philip Agius vs. Emanuel Agius** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Mejju, 2014 gie dikjarat kif isegwi:

*'Innegabilment, it-tolleranza jew il-prekarju sakemm jibqghu jezistu jiggustifikaw il-godiment fuq il-haga izda, una volta l-volonta' tal-koncedent li jtemm ir-rapport issir maghrufa, dan igib ic-cessazzjoni ta' dan l-istess dritt ta' tgawdija u mhux mistenni jew tollerat min, b'approfittar, jippretendi li jivvanta drittijiet proprji, li ma baqalux. L-uniku obbligu tieghu jibqa' dak tar-restituzzjoni lura tal-haga lill-koncedenti.*

*Kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "Paulina Stagno et vs. Carmelo u Frances Bugeja" li nghatat fis-6 ta' Ottubru 2004:*

*"Fil-verita' mill-assjem tal-provi din il-Qorti tara li l-konvenuti kienu qed igawdu l-garage merament b'tolleranza, kif spiss jigri fejn jezistu rapport ta' familjarjeta', hbiberija jew buon vicinat. Ara Kollez Vol XL pI p534. Din it-tolleranza ma tattribwixxi l-ebda drittijiet mhux biss ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita' tal-adempiment (Vol XXXIV pI p92) izda, wkoll, skont l-insenjament ta' Laurent ("Principii di Diritto Civile, Vol XXXII para 297),*

*"colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo' ritirare da un istante all'altro."*

*(Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "Maria Caruana vs. Benedict Spiteri et" li ngħatat fl-24 ta' Marzu 2004)*

*Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet "Maryrose, John u Joseph ilkoll Abdilla et vs. Peter u Maria konjugi Magri" moghtija mill-Qorti tal- Appell fis-7 ta' Lulju 2003 dik il-Qorti qalet li: "Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-atti ta' semplici tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament għal xi dritt. Hekk qalet il-kawza "Carmelo Farrugia vs. Emanuele Friggieri" (Vol XL part 1*

*pagna 534). Il-Qorti tal-Appell f'din il-kawza rriteniet illi,*

*"L-atti ta' semplici ta' tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess legittimu. Il-kriterji biex wiehed jiddeciedi jekk hux il-kaz jew le ta' tolleranza li x'aktarx hija tacita u anzi prezunta, ghandhom jigu desunti mir-rapporti ta' familjarita', ta' hbiberija, ta' buon vicinat minn dak li hu komunament hu wzat li jsir fil-pajjiz. Huma atti ta' semplici tolleranza dawk illi jistghu jipprokuraw certu vantagg lil min jaghmilhom minghajr ma jikkagunaw danni apprezzabbli lil min jissubihom u dan, quindi, juri nuqqas ta' kortezija jekk jaghmel oppozizzjoni ghalihom."* '

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi minn dak kollu suespost, jirrizulta fl-ewwel lok li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* huwa mill-atti ndubbjament sodisfatt stante li kif gia nghad, l-atti allegatament spoljattivi sehhew nhar id-19 ta' Awissu, 2014 filwaqt li l-kawza nfethet fis-17 ta' Ottubru, 2014 cioe' entro t-terminu ta' xahrejn impost mil-ligi;

Illi wkoll minn dak kollu suespost u mill-provi kollha fl-atti, jirrizulta wkoll ampjament ippruvati li l-atti allegatament spoljattivi sehhew (cioe' li nbidlu c-cwievet tal-fondi 'Rose Hill', Triq San Blas, Nadur u tal-hanut fir-Rabat u li ghalihom sa dakinhar l-attur kellu c-cwievet) u li dawn l-atti saru minn Peter Pisani (missier il-konvenuta) fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuta li tammetti l-atti fil-messagg mibghut minnha lill-attur datat 19 ta' Awissu, 2014 esebit a fol. 69 tal-process.

Illi jibqa' ghalhekk sabiex din il-Qorti tanalizza jekk jissusistix ukoll it-tielet element tal-ispoll u cioe' jekk l-attur kellux il-pussess jew detenzjoni taz-zewg fondi in kwistjoni. Indubbjament mill-atti jirrizulta li lanqas huwa kontestat mill-konvenuta li sad-19 ta' Awissu, 2014 l-attur kellu c-cwievet taz-zewg fondi u li ghalhekk seta' jaccedi ghalihom liberament tant illi gie ampjament ippruvat li l-attur kien jirrisjedi fil-fond gewwa n-Nadur sa dik id-data flimkien mal-konvenuta. Il-konvenuta izda ssostni li tali access li evidentement kellu l-attur kien

biss b'mera tolleranza in vista tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom u li l-mument li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat allura l-attur tilef kull jedd ta' access li kien igawdi fuq iz-zewg fondi bil-kunsens taghha.

Illi din il-Qorti wara li rat, kelma b'kelma l-provi kollha mressqa fl-atti, tqis li gie sodisfacentement ippruvat lilha mill-konvenuta sal-grad rikjest mil-ligi li l-uniku raguni ghalfejn l-attur kellu f'idejh ic-cwievet tal-fondi fin-Nadur fejn kien jirrisjedi mal-konvenuta u tal-hanut fir-Rabat kienet ghaliex huwa kien f'relazzjoni mal-istess konvenuta u l-ebda jedd iehor. Ma tirrizulta l-ebda raguni ohra fl-atti ghalfejn l-attur seta' kellu access ghal dawn iz-zewg fondi. Ghalhekk jirrizulta li sakemm ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ghadha tezisti, din kienet tiggustifika l-godiment taz-zewg fondi mill-attur u dan abbazi ta' tolleranza tacita u prezunta da parti tal-konvenuta. L-access li kien igawdi l-attur fuq iz-zewg fondi in kwistjoni kien unikament rizultat tal-hbiberija (relazzjoni) li huwa kellu mal-konvenuta b'dana li dan jaghmel il-kaz odjern bhala kaz klassiku ta' godiment b'tolleranza kif spjegat fil-gurisprudenza hawn fuq ikkwotatata. Illi jirrizulta lil din il-Qorti li fil-mument li r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat (hi x'inhi r-raguni) allura spicca l-element ta' tolleranza da parti tal-konvenuta. Sa minn dak il-mument il-vantagg li l-attur seta' jgawdi fuq iz-zewg fondi in kwistjoni b'tolleranza spicca u seta' jservi biss sabiex jirrekka danni lill-konvenuta u mhux ghaliex l-attur kellu xi jedd fil-ligi fuq l-istess fondi.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis li l-element tal-pussess da parti tal-attur fil-kaz odjern mhux sodisfatt stante li huwa kellu l-godiment tal-fondi biss fuq bazi ta' tolleranza, b'dana li tqis li t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuta bhala gustifikati u ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' t-tieni, it-tielet u r-

raba' eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur